MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 260/2005/1

**Von Borckdorff Imports Limited u b' digriet tat-2 ta' Frar, 2006 il-Qorti ordnat li jigi kancellat il-kunjom "Borckdorff" fl-okkju u sostitwit bil-kunjom "Brockdorff"**

**vs**

**Jesmond u Rita konjugi Sant**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Marzu, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fit-3 ta' Mejju, 2005, fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, sitt mija u disghin lira Maltin u ghoxin centezmu (Lm3,690.20),

rapprezentanti bilanc ta’ somma akbar ghall-prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom meta kienu jiggestixxu n-negozju “Save and Smile” fil-Mosta.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet skond il-ligi, inkluzi l-ispejjez tal-Mandat ta’ Qbid pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz ghas-smigh, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Jesmond Sant fejn eccepixxa:

1. Illi l-konvenuti odjerni ghaddejjin prezentament proceduri ta’ separazzjoni personali, liema proceduri jinsabu quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja);
2. Illi hemm kontestazzjoni minn naha tal-konvenuta Rita Sant fil-proceduri ghas-separazzjoni personali li dawn l-ammonti huma dovuti minnha izda biss mir-ragel taghha l-konvenut l-iehor;
3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, jekk jigi deciz li dawn l-ammonti mitluba fl-avviz de quo huma dovuti, semmaj ghandhom jigu mhallsa nofs b’nofs bejn il-konvenuti stante li bejnithom kien u ghad hemm vigenti l-komunjoni ta’ l-akkwisti.
4. Illi ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni illi tidhol fi kwistjonijiet ta’ komunjoni ta’ l-akkwisti, izda l-gurisdizzjoni taghha hija limitata biss jekk dan l-ammont mitlub fl-Avviz huwiex dovut jew le.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Rita Sant fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament t-talba attrici hija preskritta fil-konfront ta’ l-Artikolu 2148(b) u/jew 2151(2) TAL-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Illi fit-tieni lok it-talba attrici ghandha tigi michuda fil-konfront ta’ l-eccipjenti Rita Sant stante illi l-ammont pretiz se mai jirrigwarda negozju li sar mall-konvenut Jesmond Sant ad eskluzjoni u ad insaputa ta’ Rita Sant, stante illi bhalissa hemm proceduri ta’ separazzjoni ghaddejjin bejn

il-konjugi Sant u l-istess Jesmond Sant ilu zmien twil u jinforma u wisq inqas jinvolvi lill-eccipjenti fil-gestjoni tan-negozju li kien hemm bejnithom.
3. Illi fi kwalunkwe kaz, l-attur irid jipprova li l-ammont mitlub huwa fil-fatt u jrid jispjega kif wasal ghat-total ta' l-ammont mitlub.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tat-2 ta' Frar, 2006 fejn is-socjeta' attrici rriduciet l-ammont mitlub ghal tlett elef, tliet mija u zewg liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm3,302.44);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Li qabel ma' l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-meritu, trid tiddispon mill-eccezzjoni preliminari mqajjma mill-konvenuta Rita Sant fejn din poggiet ostaklu ghall-azzjoni attrici a tenur ta' l-Arikolu 2148(b) u/jew 2151(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dak ta' l-ewwel jippreskrivi terminu ta' tmintax-il xahar, waqt li dak ta' l-ahhar jippreskrivi terminu ta' hames snin taht certa kondizzjonijiet.

Il-Qorti tirrleva, illi apparti l-fatt illi hija ma tistax titpogga f'sitwazzjoni fejn taghzel bejn Artikolu u iehor, ghax tkun qeda tiehu inizjattiva f'materja illi gie deskritta bhala "odjuza" [ara Vol. XL P1 p166]. Il-Qorti madankollu sejra tikkonsidra l-Artikolu 2148(b) bhala l-iqsar wiehed invokat mill-konvenuta. Bhalma gia nghad dan l-Artikolu jippreskrivi terminu ta' tmintax-il xahar.

Il-Qorti rat il-fatturi illi gew esebiti [fol. 22 etq.] illi dawn ivarjaw fid-data bejn il-11 ta' Mejju, 2004 u t-12 ta' Ottubru, 2004.

L-ewwel att gudizzjarju li bih interronpa l-perijodu preskrittiv huwa l-Avviz odjern, illi gie pprezentat fit-3 ta'

Mejju, 2005. Dan ipoggi din il-kawza nettament fit-terminu msemmi fl-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn allura ddekorra anqas minn sena bejn l-ewwel fattura u l-prezentata ta' l-Avviz, f'liema kaz allura ma hemm l-ebda ostaklu ghall-azzjoni attrici.

Il-Qorti ghalhekk tiddisponi minn din l-eccezzjoni preliminari billi tichadha u tghaddi biex tikkonsidra l-meritu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kummercjali li tmur lura snin twal. Is-socjeta' attrici kien tipprovdi merkanzija lill-konvenuti Jesmond Sant u martu Rita, li kienu joperaw *discount store* maghruf bl-isem ta' "Save 'n' Smile", fi Triq il-Pont, Mosta, fejn bejn il-partijiet kien hemm kont miftuh, kreditu illi kien pjuttost flessibbli favur il-konvenuti.

Jidher li l-konvenuti damu joperaw dan id-*discount store* sa' Jannar, 2005. Irrizulta wkoll illi bejn il-konvenuti hemm disgwid personali u hemm proceduri ta' separazzjoni bejnithom.

Il-konvenuta Rita Sant ma baqghetx aktar tattendi d-*discount store* mill-2003, fejn l-operazzjoni baqghet tigi gestita esklussivament mill-konvenut l-iehor Jesmond Sant. Dan mhuwiex kontestat minn dan ta' l-ahhar, izda jghid li peress li l-komunjoni ta' l-akkwisti ghadha vigenti bejn il-partijiet, allura l-konvenuta Rita Sant ghandha tkun responsabbli daqsu fil-hlas ta' l-ammont dovut lis-socjeta' attrici.

Ikkunsidrat:

Ghal dak illi huwa l-*quantum* ma jidhirx illi huwa kontestat u z-zewg konvenuti qeghdin jargumentaw bejnithom min ghandu jhallas l-ammont indikat. Il-Qorti jidhrilha li m'ghandhiex tidhol fil-kwistjonijiet personali bejn il-partijiet. Hu x'inhu, zgur illi fil-perijodu ndikat fil-fatturi a fol. 22 et seq., u cioe bejn il-11 ta' Mejju, 2004 u t-12 ta' Ottubru,

2004, l-operazzjoni mis-“Save ‘n’ Smile” *discount supermarket*, kien qed tigi gestita esklussivament mill-konvenut Jesmond Sant, li presubilment huwa ha l-beneficcju kollu minn tali operazzjoni.

Xi hlasijiet illi setghu saru mill-konvenut Jesmond Sant lill-martu Rita, ghal fini ta’ manteniment hija rrelevanti ghal din il-kawza.  Tajjeb jew hazin, l-operazzjoni kienet qed tigi gestita mill-konvenut Jesmond Sant, kien qed jiehu l-beneficcju ta’ tali operazzjoni u allura spetta lilu biex ihallas l-ammont indikat lis-socjeta’ attrici.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi filwaqt li tillibera lill-konvenuta Rita Sant mill-osservanza tal-gudizzju, minghajr pregudizzju ghar-regim finanzjarju bejn il-konvenuti fis-separazzjoni ta’ bejnithom, tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenut wahdu Jesmond Sant li jhallasha s-somma tlett elef, tliet mija u zewg liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm3,302.44) rapprezentanti bilanc ta’ somma akbar ghall-prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu meta kien jiggestixxi n-negozju “Save and Smile” fil-Mosta.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz ghas-smigh kontra l-konvenut Jesmond Sant.”

L-appell odjern lil din il-Qorti huwa konsimili f’ kull rispett ghal dak introdott mill-istess appellanti Jesmond Sant fil-kawza “**Poultry Products Ltd -vs- Gesmond Sant *et***” (Avviz Nru. 98.2005), illum stess kontestwalment deciz;

Biex tevita li toqghod taghmel ripetizzjonijiet inutili din il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjoni f’ dak l-appell l-iehor zvolti, u taghmilhom applikabbli ghall-appell odjern ukoll.  Dan hu bil-wisq ovvju in raguni tal-principju tac-certezza tad-dritt.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tordna, *marte proprio*, l-korrezzjoni tar-rikors ta' l-appell fis-sens li ghall-kelma "tirrevoka" tissostitwixxi ghaliha l-kelma "tvarja", filwaqt li l-appell lilha devolut qed jigi respint u s-sentenza appellata, ikkonfermata, salv kull dritt li talvolta l-appellanti jista' jkollu di fronte ghall-konvenuta Rita Sant. L-ispejjez jibqghu sopportabbli mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------